



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2010/0199(COD)

23.3.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi ta' kumpens għall-investitur
(COM(2010)0371 – C7-0174/2010 – 2010/0199(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sebastian Valentin Bodu

PA_Legam

PE454.649v02-00

2/13

AD\861732MT.doc

MT

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Id-Direttiva 97/9/KE dwar l-Iskemi ta' Kumpens għall-Investitur (DSKI) ġiet adottata fl-1997 biex tikkumplementa d-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Investiment (l-aħħar waħda ġiet issostitwita aktar tard bid-Direttiva dwar is-Swieq tal-Istrumenti Finanzjarji (MiFID).

Għaxar snin wara li d-DSKI daħlet fis-seħħi, u immedjatament wara l-kriżi finanzjarja, huwa żmien propizju biex wieħed jirrevedi l-funzjonament tad-DSKI.

Ir-reviżjoni ta' din id-direttiva hija konsegwenza tal-fatt li tressqu lill-Kummissjoni ħafna lmenti minn investituri dwar l-applikazzjoni tagħha, xi kultant b'telf kbir għalihom. Dan ir-rieżami jikkunsidra wkoll l-għan stabbilit fil-livell tal-G-20 li tīgħi indirizzata kull lakuna fis-sistema regolatorja u superviżorja, u l-għan li titreġġa' lura l-fiduċja tal-investitor fis-sistema finanzjarja.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jiġu ssodisfati b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri. Il-qafas attwali tal-UE jipprovd i biss għal xi prinċipji ta' armonizzazzjoni minima u jħalli f'idejn l-Istati Membri biex jiżviluppawhom aktar. Madankollu, il-problemi li kellhom iħabbu wiċċhom magħhom xi Stati Membri juru li hemm bżonn ta' armonizzazzjoni addizzjonali u partikolarment aktar estensiva fil-livell tal-UE sabiex jiġi żgurat li l-għanijiet tad-Direttiva jiġu ssodisfati fi ħdan l-UE.

Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament tajjeb ta' suq uniku għal servizzi ta' investiment, iżżejjid il-protezzjoni tal-investituri u l-fiduċja tagħhom fl-UE. B'mod partikolari, għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament prattiku tad-DSKI, u tikkjarifika l-ambitu tad-DSKI filwaqt li tqis il-kriżi finanzjarja u l-bidliet riċenti fix-xenarju regolatorju tal-UE, li tnaqqas id-diskrepanzi fis-sistema regolatorja u l-inugwaljanza bejn il-protezzjoni tal-klijenti ta' ditti ta' investiment u tad-depożitarji bankarji. Fid-dawl tad-differenzi li jeżistu fil-mod kif jaħdnu l-iskemi fil-livell nazzjonali, il-proposta tintroduċi regoli komuni biex jiżguraw grad ta' armonizzazzjoni fil-finanzjament tal-iskemi u fil-prattika ta' kuljum; dan huwa wkoll il-bażi għall-provvediment ta' mekkaniżmu ta' self fost skemi nazzjonali bħala għoddha aħħarija biex jiġi kkumpensati bżonnijiet temporanji mill-iskemi, soġġett li ssir valutazzjoni rigorūża mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u l-obbligu biex jitħallas lura kwalunkwe self fi żmien perjodu massimu ta' ħames snin.

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità billi s-soluzzjonijiet kollha ġew ivvalutati skont il-benefiċċju finanzjarju tagħhom, u skont kemm jirrispettaw il-partikolaritajiet tas-Swieq fl-Istati Membri. Il-proposta ma tmurx lil hinn dak li huwa neċċesarju biex jintlaħqu l-għanijiet segwiti, b'mod partikolari, tħaddan prinċipji ta' armonizzazzjoni minima fejn rilevanti, pereżempju rigward il-modalitajiet kif il-membri tal-iskemi tal-kumpens għandhom jikkontribwixxu għall-iskema. L-introduzzjoni ta' sistema ta' self bejn l-iskemi nazzjonali hija konsistenti mal-prinċipju tal-proporzjonalità, fis-sens li hija ma tmiss l-ebda responsabbiltà fiskali tal-Istati Membri, hija miżura tal-aħħar rimedju soġġetta għall-użu preċedenti ta' mekkaniżmi oħrajn ta' finanzjament (kontribuzzjonijiet ordinarji u addizzjonali mill-membri), tintroduċi biss possibbiltà ta' self soġġett għall-ħlas tal-imgħaxijiet u għall-obbligu ta' ripagament mill-iskema ta' self, u hija limitata fiż-żmien u fid-daqs.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbi, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 1 – punt a

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. 'negożju ta' investiment' għandha tfisser servizzi ta' **investment** u attivitajiet kif iddefiniti fl-Artikolu 4(1)(2) tad-Direttiva 2004/39/KE u s-servizz anċillari msemmi fil-punt 1 tas-Sezzjoni B tal-Anness I mad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

Emenda

2. 'negożju ta' investiment' għandha tfisser **kwalunkwe wieħed mis-servizzi** ta' investiment u attivitajiet kif iddefiniti fl-Artikolu 4(1)(2) tad-Direttiva 2004/39/KE u s-servizz anċillari msemmi fil-punt 1 tas-Sezzjoni B tal-Anness I mad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

Emenda 2

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 1 – punt a a (ġdid)

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) Il-punt 3 huwa ssostitwit b'li ġej:

"3. "strumenti" għandha tfisser l-strumenti elenkti fis-*Sezzjoni C tal-Anness 1* tad-Direttiva 2004/39/KE;"

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni tal-strumenti għandha tiġi aġġornata wkoll skont l-MiFID.

Emenda 3

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 2 – punt b

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b

Test propos mill-Kummissjoni

(b) awtorità *ġudizzjali* tkun tat-deċiżjoni, għal raġunijiet relatati direttament maċ-ċirkostanzi finanzjarji tad-ditta tal-investiment, jew iċ-ċirkostanzi finanzjarji ta' kull parti terza li magħha jkunu ġew depożitati strumenti finanzjarji mid-ditta tal-investiment, li jkollha l-effett li tissospendi l-abbiltà tal-investituri biex jagħmlu *pretensjonijiet* kontra d-ditta jew l-abbiltà tad-ditta biex tagħmel *pretensjonijiet* kontra l-parti terza.

Emenda

(b) awtorità *ġudizzjarja* tkun tat-deċiżjoni *infurzabbi, skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat membru*, għal raġunijiet relatati direttament maċ-ċirkostanzi finanzjarji tad-ditta tal-investiment, jew iċ-ċirkostanzi finanzjarji ta' kull parti terza li magħha jkunu ġew depożitati strumenti finanzjarji mid-ditta tal-investiment, li jkollha l-effett li tissospendi l-abbiltà tal-investituri biex jagħmlu *pretiżi* kontra d-ditta jew l-abbiltà tad-ditta biex tagħmel *pretiżi* kontra l-parti terza.

Ġustifikazzjoni

Deċiżjoni tal-qorti tista' tkun ukoll soġġetta għal appelli jew semplicelement tista' tiġi infurzata. Din id-dispożizzjoni tista' tirreferi biss għal dawk id-deċiżjonijiet li jistgħu jiġu infurzati.

Emenda 4

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 4 – punt d

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propos mill-Kummissjoni

(d) Il-paragrafu 4 *jitħassar.*

Emenda

(d) Il-paragrafu 4 huwa *ssostitwit b'li ġej:*
"4. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-koperta li hemm dispożizzjoni dwarha f'din id-Direttiva għal persentaġġ speċifikat ta' talba minn investitur. Il-persentaġġ kopert *għandu*, madankollu, jkun ugħwali għal jew jeċċedi 80 % tat-talba sakemm l-ammont li għandu jkun imħallas permezz *tal-iskema ta' kumpens ikun aktar baxx minn dak li hemm*

dispożizzjoni dwaru f'din id-Direttiva.”

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tal-fatt li l-finanzjament tal-iskemi ta' kumpens isir permez tal-kontribuzzjonijiet tal-membri, ħaġa li timponi fuqhom piż finanzjarju serju, huwa ġust li parti minn dak it-telf potenzjali jġarrbuha wkoll l-investituri (bħal fi skemi tajba tal-assigurazzjoni). 20% għandu jkun perċentwal ġust.

Emenda 5

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 5

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 4 b – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) is-sitwazzjoni msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu hija minħabba ***nuqqas*** ta' fondi kif imsemmi fl-Artikolu 4a (3);

Emenda

(b) is-sitwazzjoni msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu hija minħabba ***l-fatt li l-livell fil-mira*** ta' fondi kif imsemmi fl-Artikolu 4a (3) ***ma ntlaħaqx;***

Ġustifikazzjoni

Għal kjarifika aħjar.

Emenda 6

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 5

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 4 b – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

AETS għandha tittrażmetti l-konferma tagħha flimkien mal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu (g) lill-iskemi li jsellfu. Huma għandhom jirċievu din il-konferma u l-informazzjoni fī żmien 15-il jum. L-iskemi ta' self għandhom, mingħajr dewmien iżda mhux aktar tard minn ***15-il jum*** ta' xogħol wara li jirċievuha, iwettqu l-ħlas tas-self lill-iskema ta' self.

Emenda

L-AETS għandha tittrażmetti l-konferma tagħha flimkien mal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu (g) lill-iskemi li jsellfu. Huma għandhom jirċievu din il-konferma u l-informazzjoni fī żmien 15-il jum. L-iskemi ta' self għandhom, mingħajr dewmien iżda mhux aktar tard minn ***30 jum*** ta' xogħol wara li jirċievuha, iwettqu l-ħlas tas-self lill-iskema ta' self.

Ġustifikazzjoni

Tletin jum huwa perjodu aktar realistiku.

Emenda 7

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 5

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 4 b – paragrafu 4 – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kull pretiża oħra għandha tkun subordinata għal dik tal-iskema ta' kumpens li tkun ħarġet is-self. L-iskema għandha titqies bħala kreditur prioritarju u għandha jkollha l-ewwel prioritā.

Ġustifikazzjoni

Minħabba li self minn skema ta' kumpens oħra hija miżura tal-aħħar rikors u waħda eċċeżżjonali, u minħabba li din l-iskema ta' kumpens hija parti barranija, dan id-dejn għandu jitħallas l-ewwel.

Emenda 8

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 5

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 4 b – paragrafu 4 – subparagrafu 1 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Bla īxsara għat-tieni subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu prioritajiet oħra bi preferenza bejn kategoriji differenti ta' kredituri.

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni tal-Emenda 7.

Emenda 9

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 5

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 4 b – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

5. Sabiex tīgi ffaċilitata kooperazzjoni effikaċi bejn l-iskemi ta' kumpens għall-investitur, l-iskemi, jew, fejn jixraq, l-awtoritajiet kompetenti, **għandu jkollhom ftehim bil-miktub ta' kooperazzjoni.** Dawn *il-ftehim* għandhom iqisu l-obbligi stabiliti fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda

5. Sabiex tīgi ffaċilitata kooperazzjoni effikaċi bejn l-iskemi ta' kumpens għall-investitur, l-iskemi, jew, fejn jixraq, l-awtoritajiet kompetenti, **għandhom jikkonkludu ftehimiet bil-miktub ta' kooperazzjoni.** Dawn *il-ftehimiet għandhom iqisu l-obbligi stabiliti fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data.***

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun ċar li l-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-iskemi huma mandatorji u mhux fakultattivi.

Emenda 10

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 6

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

2. Jekk il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 jonqsu milli jiżguraw konformità min-naħħa tad-ditta tal-investiment, il-UCITS, id-depożitarju jew parti terza, l-iskema tista', bil-kunsens ċar tal-awtoritajiet kompetenti, tagħti notifika ta' mhux inqas minn **12-il-xahar**, tal-intenzjoni tagħha li teskludi d-ditta tal-investiment, il-UCITS, id-depożitarju jew it-parti terza mis-sħubija fl-iskema. L-iskema għandha tibqa' tiprovd i-l-kopertura msemmija fl-Artikolu 2(2a) u

Emenda

2. Jekk il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 jonqsu milli jiżguraw konformità min-naħħa tad-ditta tal-investiment, il-UCITS, id-depożitarju jew parti terza, l-iskema tista', bil-kunsens ċar tal-awtoritajiet kompetenti, tagħti notifika ta' mhux inqas minn **sitt xhur**, tal-intenzjoni tagħha li teskludi d-ditta tal-investiment, il-UCITS, id-depożitarju jew it-parti terza mis-sħubija fl-iskema. L-iskema għandha tibqa' tiprovd i-l-kopertura msemmija fl-Artikolu 2(2a) u

(2c) fir-rigward tan-negozju ta' investiment jew tal-attivitàajiet tal-UCITS imwettqa matul dak il-perjodu. Jekk, mal-iskadenza tal-perjodu tan-notifika, id-ditta tal-investiment, il-UCITS, id-depożitarju jew it-parti terza ma jkunux issodisfaw l-obbligi tagħhom, l-iskema ta' kumpens tista', wara li tkun akkwistat il-kunsens ċar tal-awtoritajiet kompetenti, teskludihom.

(2c) fir-rigward tan-negozju ta' investiment jew tal-tivitàajiet tal-UCITS imwettqa matul dak il-perjodu. Jekk, mal-iskadenza tal-perjodu tan-notifika, id-ditta tal-investiment, il-UCITS, id-depożitarju jew it-parti terza ma jkunux issodisfaw l-obbligi tagħhom, l-iskema ta' kumpens tista', wara li tkun akkwistat il-kunsens ċar tal-awtoritajiet kompetenti, teskludihom.

Justification

Perjodu ta' sitt xhur huwa aktar adegwat għal din is-sitwazzjoni estrema.

Emenda 11

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagraphu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċjali, il-pretensionijiet għandhom jiġu diviżi b'mod indaqs bejn l-investituri.

imħassar

Emenda 12

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagraphu 2 a (għid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fl-eventwalita li pretiżza ta' investitur ma tkunx tista' tiġi koperta għalkollox, dak l-investituri għandu jgawdi mill-istess rata ta' kopertura għall-pretiżza aggregata.

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju pro rata għandu jitniżżejjel bla ekwivoċi.

Emenda 13

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagraphu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Meta investitur ma jkunx intitolat għas-somom jew *titoli* miżmuma, il-persuna li tkun intitolata għandha tirċievi l-kumpens, bil-kundizzjoni li dik il-persuna kienet ġiet jew tista' tkun identifikata qabel id-data tad-determinazzjoni jew deċiżjoni msemmija fl- 1-Artikolu 2(2) u (2b).

Emenda

Meta investitur ma jkunx intitolat għas-somom jew *l-strumenti* miżmuma, il-persuna li tkun intitolata għandha tirċievi l-kumpens, bil-kundizzjoni li dik il-persuna kienet ġiet jew tista' tkun identifikata qabel id-data tad-determinazzjoni jew deċiżjoni msemmija fl- 1-Artikolu 2(2) u (2b).

Emenda 14

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagraphu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-fatt li dak il-perjodu jkun skada, ma jkunx jista' jiġi invokat mill-iskema biex tkun miċħuda kopertura lil xi investitur li ma kienx f'qagħda li jikkonferma d-dritt tiegħu għal kumpens fil-ħin.

Emenda

Il-fatt li dak il-perjodu jkun skada, ma jkunx jista' jiġi invokat mill-iskema biex tkun miċħuda kopertura lil xi investitur li ma kienx f'qagħda li jikkonferma d-dritt tiegħu għal kumpens fil-ħin, ***għajr fis-sitwazzjoni ta' negliġenza min-naħħa tal-investitur.***

Emenda 15

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagraphu 2 a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***Azjendi tal-investiment u UCITS
għandhom jiżvelaw fis-siti tagħhom tal-internet, jew jagħmlu disponibbli bil-***

mitkub, kull informazzjoni dwar il-patti u l-kundizzjonijiet rigward l-aċċess għall-iskema ta' kumpens u għal-proċedura għall-ksib ta' pagament skont dik l-iskema.

Emenda 16

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 7

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Minkejja li l-limitu ta' żmien stabilit fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, fejn investitur jew kull persuna oħra intitolata għal, jew li għandha interess f'neozju ta' investment, tkun ġiet akkużata b'reat rigward il-ħasil tal-flus kif iddefinit fl- 1-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/60/KE, jew hija s-suġġett ta' azzjoni għal-kontravenzjoni tad-Direttiva 2003/6/KE, l-iskema ta' kumpens tista' tissospendi kull ħlas, jiddejendi fuq il-ġudizzju tal-qorti jew id-determinazzjoni ta' awtorità kompetenti."

Emenda

3. Minkejja li l-limitu ta' żmien stabilit fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, fejn investitur jew kull persuna oħra intitolata għal, jew li għandha interess f'neozju ta' investment, tkun ġiet akkużata b'reat rigward il-ħasil tal-flus kif iddefinit fl- 1-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/60/KE
f'relazzjoni ma' flus soġġett għal din id-Direttiva, jew hija s-suġġett ta' azzjoni għal-kontravenzjoni tad-Direttiva 2003/6/KE, l-iskema ta' kumpens tista' tissospendi kull ħlas, jiddejendi fuq il-ġudizzju tal-qorti jew id-determinazzjoni ta' awtorità kompetenti."

Justification

Jingħad lar li mhux kull kumpens huwa rrifutat, imma dak il-kumpens li huwa soġġett għal-ħasil ta' flus.

Emenda 17

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 9

Direttiva 97/9/KE

Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor li huma jista' jkollhom taħt id-dritt

Emenda

1. Mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor li huma jista' jkollhom taħt id-dritt

nazzjonali, l-iskemi li jħallsu biex jikkumpensaw lill-investituri, għandu jkollhom id-dritt li jissurrogaw id-drittijiet ta' dawk ***l-investituri*** fi proċedimenti ta' likwidazzjoni għal ammonti daqs il-pagamenti tagħhom.

nazzjonali, l-iskemi li jħallsu biex jikkumpensaw lill-investituri, għandu jkollhom id-dritt li jissurrogaw id-drittijiet ta' dawk fi proċedimenti ta' likwidazzjoni għal ammonti daqs il-pagamenti tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Dawk involuti fil-proċedimenti ta' likwidazzjoni huma l-azjendi ta' investiment, id-depożitarju jew il-parti terza, u mhux l-investituri.

Emenda 18

Proposta għal direttiva – att li jemenda Artikolu 2 – paragrafu 2 a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-Istati membri li jibbenfikaw skont it-Trattati tal-Adeżjoni minn perjodi tranżizzjonali rigward it-traspożizzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 97/9/KE għandhom jottemperaw ruħhom mal-pargarfai 1 u 2 mid-data meta jiskadu l-perjodi tranżizzjonali rispettivi tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li l-emendi għal din id-direttiva jqis u s-sitwazzjoni tal-Istati membri li jibbenfikaw minn perjodi tranżizzjonali, minħabba l-fatt li tali perjodi jissemmew fit-Trattati ta' Adeżjoni.

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tad-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwarf skemi ta' kumpens għall-investitur
Referenzi	COM(2010)0371 – C7-0174/2010 – 2010/0199(COD)
Kumitat responsabbi	ECON
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 7.9.2010
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Sebastian Valentin Bodu 27.10.2010
Eżami fil-kumitat	2.12.2010 27.1.2011
Data tal-adozzjoni	22.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 12 - : 10 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Marielle Gallo, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Jiří Maštálka, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Dimitar Stoyanov, Alexandra Thein, Rainer Wieland, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Luis de Grandes Pascual, Sajjad Karim, Kurt Lechner, Eva Lichtenberger, Angelika Niebler